ISSN 1977-074X

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 54

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 55

28 ta' Frar 2012

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 168/2012 tas-27 ta' Frar 2012 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja** ......... 1

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 169/2012 tas-27 ta' Frar 2012 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex 6

DEĊIŻJONIJIET

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/121/PESK tas-27 ta' Frar 2012 b'appoġġ għall-attivitajiet biex jiġu promossi d-djalogu u l-kooperazzjoni UE-Ċina-Afrika dwar il-kontrolli ta' armi konvenzjonali** 8

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/122/PESK tas-27 ta' Frar 2012 li temenda d-Deċiżjoni 2011/782/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja** ......... 14

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/123/PESK tas-27 ta' Frar 2012 li temenda d-Deċiżjoni 2011/523/UE li parzjalment tissospendi l-applikazzjoni tal-Ftehim ta' Koperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Għarbija Sirjana** ......... 18

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2012/124/PESK tas-27 ta' Frar 2012 li timplimenta d-Deċiżjoni 2011/101/PESK dwar miżuri restrittivi kontra ż-Żimbabwe** ......... 20

**Prezz: EUR 3**

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) Nru 168/2012

## tas-27 ta' Frar 2012

## li jemenda r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/782/PESK tal-1 ta' Diċembru 2011 dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja [1],

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fit-18 ta' Jannar 2012, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 36/2012 [2].

(2) Fid-dawl tal-kontinwazzjoni tar-ripressjoni brutali u tal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem mill-Gvern tas-Sirja, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/122/PESK [3] li temenda d-Deċiżjoni 2011/782/PESK tipprovdi għal miżuri addizzjonali, jiġifieri projbizzjoni fuq il-bejgħ, ix-xiri, it-trasport u s-senserija ta' deheb, metalli prezzjużi u djamanti, miżuri restrittivi kontra l-Bank Ċentrali tas-Sirja, u emendi mal-lista ta' persuni u entitajiet immirati.

(3) Dawk il-miżuri jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u għalhekk hija meħtieġa azzjoni regolatorja fil-livell tal-Unjoni sabiex timplimentahom, partikolarment bil-ħsieb li tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tagħhom mill-operaturi ekonomiċi fl-Istati Membri kollha.

(4) Ir-Regolament (UE) Nru 36/2012 għandu għalhekk jiġi emendat kif meħtieġ.

(5) Sabiex jiġi żgurat li l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament ikunu effikaċi, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ minnufih,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (UE) Nru 36/2012 huwa b'dan emendat kif ġej:

(1) Żdied l-artikolu li ġej:

"*Artikolu 11a*

1. Huma pprojbiti:

(a) il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, diretta jew indiretta, ta' deheb, metalli prezzjużi u djamanti, kif elenkat fl-Anness VIII, kemm jekk joriġinaw fl-Unjoni kif ukoll jekk le, lill-Gvern tas-Sirja, lill-korpi pubbliċi, korporazzjonijiet u aġenziji tiegħu, lill-Bank Ċentrali tas-Sirja, lil kwalunkwe persuna, entità jew korp li jaġixxu f'isimhom jew b'ordni minnhom, jew lil kwalunkwe entità jew korp li huma proprjetà tagħhom jew ikkontrollati minnhom;

(b) ix-xiri, l-importazzjoni jew it-trasport ta' deheb, metalli prezzjużi u djamanti, kif elenkat fl-Anness VIII, kemm jekk l-oġġett ikkonċernat joriġina fis-Sirja kif ukoll jekk le, mill-Gvern tas-Sirja, mill-korpi pubbliċi, korporazzjonijiet u aġenziji tiegħu, mill-Bank Ċentrali tas-Sirja u minn kwalunkwe persuna, entità jew korp li jaġixxu f'isimhom jew b'ordni minnhom, jew minn kwalunkwe entità jew korp li huma proprjetà tagħhom jew ikkontrollati minnhom; u

(c) l-għoti, direttament jew indirettament, ta' assistenza teknika jew ta' servizzi ta' senserija, finanzjament jew assistenza finanzjarja, relatati mal-merċi msemmija fil-punti (a) u (b), lill-Gvern tas-Sirja, lill-korpi pubbliċi, korporazzjonijiet u aġenziji tiegħu, lill-Bank Ċentrali tas-Sirja u lil kwalunkwe persuna, entità jew korp li jaġixxu f'isimhom jew b'ordni minnhom, jew lil kwalunkwe entità jew korp li huma proprjetà tagħhom jew ikkontrollati minnhom;

2. L-Anness VIII għandu jinkludi deheb, metalli prezzjużi u djamanti suġġetti għall-projbizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1."

[1] ĠU L 319, 2.12.2011, p. 56.
[2] ĠU L 16, 19.1.2012, p. 1.
[3] Ara l-paġna 14 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

(2) Iddaħħal l-artikolu li ġej:

"*Artikolu 21a*

Il-projbizzjonijiet fl-Artikolu 14 ma għandhomx japplikaw għal:

(a) (i) trasferiment mill-Bank Ċentrali tas-Sirja, jew permezz tiegħu, ta' fondi jew riżorsi ekonomiċi riċevuti u ffriżati wara d-data tal-inklużjoni tiegħu fil-lista, jew

(ii) trasferiment lill-Bank Ċentrali tas-Sirja, jew permezz tiegħu, ta' fondi jew riżorsi ekonomiċi fejn it-trasferiment ikun relatat ma' pagament minn persuna jew entità mhux elenkata fl-Anness II jew IIa dovut b'rabta ma' kuntratt kummerċjali speċifiku,

sakemm l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru rilevanti tkun iddeterminat, abbażi ta' każ b'każ, li l-pagament ma tirċevihx, direttament jew indirettament, kwalunkwe persuna jew entità elenkata fl-Anness II jew IIa; jew

(b) trasferiment magħmul mill-Bank Ċentrali tas-Sirja, jew permezz tiegħu, ta' fondi ffriżati jew riżorsi ekonomiċi sabiex jipprovdi lil istituzzjonijiet finanzjarji fil-ġurisdizzjoni tal-Istati Membri b'likwidità għall-finanzjament tal-kummerċ, sakemm it-trasferiment ikun ġie awtorizzat mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru rilevanti.".

*Artikolu 2*

Il-persuni jew entità mniżżla fl-Anness I ta' dan ir-Regolemant għandu jiżdied mal-lista stabbilita fl-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 36/2012.

*Artikolu 3*

Il-persuna mniżżla fl-Anness II ta' dan ir-Regolemant għandu jithassar mil-lista stabbilita fl-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 36/2012

*Artikolu 4*

It-test stabbilit fl-Anness III ta' dan ir-Regolament huwa miżjud mar-Regolament (UE) Nru 36/2012 bħala l-Anness VIII.

*Artikolu 5*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Frar 2012.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

C. ASHTON

*ANNESS I*

Fl-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 36/2012, jinżiedu l-entrati li ġejjin:

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1. | Central Bank of Syria (Bank Ċentrali tas-Sirja) | Sirja, Damasku, Pjazza Sabah Bahrat Indirizz postali:<br>Pjazza Altjreda al Maghrebeh, Damasku,<br>Repubblika Għarbija Sirjana,<br>P.O.Box: 2254 | Ipprovda għajnuna finanzjarja lir-reġim. | 27.2.2012 |
| 2. | Al –Halqi, Dr. Wael Nader | Imwieled fil-Provinċja ta' Daraa, fl-1964 | Ministru tas-Saħħa<br>Meta kienu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, l-isptarijiet ġew ordnati biex jirrifjutaw il-kura lil min kien jipprotesta. | 27.2.2012 |
| 3. | Azzam, Mansour Fadlallah | Imwieled fil-Provinċja ta' Sweida, fl-1960 | Ministru tal-Affarijiet Presidenzjali Konsulent tal-President. | 27.2.2012 |
| 4. | Sabouni, Dr. Emad Abdul-Ghani | Imwieled f'Damasku, fl-1964 | Ministru tal-Komunikazzjoni u t-Teknoloġija.<br>Taħt ir-responsabbiltà tiegħu, l-aċċess liberu għall-mezzi tax-xandir qed jixxekkel serjament. | 27.2.2012 |
| 5. | Allaw, Sufian | Imwieled f'al-Bukamal, Deir Ezzor, fl-1944 | Ministru taż-Żejt u r-Riżorsi Minerali.<br>Responsabbli għall-politiki dwar iż-żejt u r-riżorsi minerali li jipprovdu sors ta' appoġġ finanzjarju lir-reġim. | 27.2.2012 |
| 6. | Slakho, Dr Adnan | Imwieled f'Damasku, fl-1955 | Ministru tal-Industrija<br>Responsabbli għall-politiki ekonomiċi u industrijali li jipprovdu riżorsi u appoġġ lir-reġim. | 27.2.2012 |
| 7. | Al-Rashed, Dr. Saleh | Imwieled fil-Provinċja ta' Aleppo, fl-1964 | Ministru tal-Edukazzjoni.<br>Taħt ir-responsabbiltà tiegħu, l-iskejjel qed jintużaw bħala ħabsijiet proviżorji | 27.2.2012 |
| 8. | Abbas, Dr. Fayssal | Imwieled fil-Provinċja ta' Hama, fl-1955 | Ministru tat-Trasport.<br>Taħt ir-responsabbiltà tiegħu, qed jiġi pprovdut appoġġ loġistiku għar-repressjoni. | 27.2.2012 |

*ANNESS II*

Fl-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 36/2012, jinżiedu l-entrati li ġejjin:

52. Emad Ghraiwati

*ANNESS III*

*"ANNESS VIII*

**Lista ta' deheb, metalli prezzjużi u djamanti msemmija fl-Artikolu 11a**

| Kodiċi tas-SA | Isem tal-merkanzija |
|---|---|
| 7102 | Djamanti, maħdumin jew le, iżda mhux immuntati jew ingastati. |
| 7106 | Fidda (inklużа fidda miksija bid-deheb jew platinu), mhux maħduma jew f'għamliet semimanifatturati, jew f'għamla ta' trab. |
| 7108 | Deheb (inkluż deheb miksi bi platinu), mhux maħdum jew f'għamla semimanifatturata, jew f'għamla ta' trab. |
| 7109 | Metalli komuni jew fidda, miksijin bid-deheb, mhux maħdumin aktar ħlief semimanifatturati. |
| 7110 | Platinu, f'għamliet mhux maħdumin jew semimanifatturati, jew f'għamla ta' trab. |
| 7111 | Metalli komuni, fidda jew deheb, miksijin bil-platinu, mhux maħdumin aktar ħlief semimanifatturati. |
| 7112 | Skart u fdal ta' metall prezzjuż jew ta' metall miksi b'metall prezzjuż; skart u fdal ieħor li fihom metall prezzjuż jew komposti ta' metall prezzjuż, ta' tip użat l-aktar għall-irkupru ta' metall prezzjuż.". |

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 169/2012

## tas-27 ta' Frar 2012

## li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ([2]) u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissa l-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

(2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Frar 2012.

*Għall-Kummissjoni,*
*F'isem il-President,*
José Manuel SILVA RODRÍGUEZ
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

*ANNESS*

**Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi tan-NM | Kodiċi tal-pajjiż terz ([1]) | Valur standard tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | IL | 121,1 |
| | JO | 78,3 |
| | MA | 80,1 |
| | TN | 76,7 |
| | TR | 106,3 |
| | ZZ | 92,5 |
| 0707 00 05 | JO | 221,0 |
| | MA | 94,2 |
| | TR | 166,3 |
| | ZZ | 160,5 |
| 0709 91 00 | EG | 88,4 |
| | MA | 82,2 |
| | ZZ | 85,3 |
| 0709 93 10 | MA | 65,8 |
| | TR | 160,0 |
| | ZZ | 112,9 |
| 0805 10 20 | EG | 48,1 |
| | IL | 74,0 |
| | MA | 49,9 |
| | TN | 49,3 |
| | TR | 72,1 |
| | ZZ | 58,7 |
| 0805 20 10 | IL | 128,5 |
| | MA | 87,2 |
| | ZZ | 107,9 |
| 0805 20 30, 0805 20 50, 0805 20 70, 0805 20 90 | EG | 74,1 |
| | IL | 117,1 |
| | MA | 110,1 |
| | TR | 72,1 |
| | ZZ | 93,4 |
| 0805 50 10 | EG | 42,9 |
| | TR | 51,3 |
| | ZZ | 47,1 |
| 0808 10 80 | CA | 122,9 |
| | CL | 98,4 |
| | CN | 114,0 |
| | MK | 33,9 |
| | US | 141,7 |
| | ZZ | 102,2 |
| 0808 30 90 | AR | 83,5 |
| | CL | 148,5 |
| | CN | 52,3 |
| | US | 127,1 |
| | ZA | 86,8 |
| | ZZ | 99,6 |

([1]) In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2012/121/PESK

**tas-27 ta' Frar 2012**

**b'appoġġ għall-attivitajiet biex jiġu promossi d-djalogu u l-kooperazzjoni UE-Ċina-Afrika dwar il-kontrolli ta' armi konvenzjonali**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 26(2) tiegħu,

Billi:

(1) Fil-laqgħa tiegħu li saret fil-15 u s-16 ta' Diċembru 2005, il-Kunsill Ewropew adotta l-Istrateġija tal-UE fil-ġlieda kontra l-akkumulazzjoni u t-traffikar illeċiti ta' armi ħfief u ta' kalibru żgħir (minn hawn 'il quddiem "SALW") u l-munizzjoni tagħhom (minn hawn 'il quddiem "Strateġija SALW tal-UE"). L-Istrateġija tidentifika l-kontinent Afrikan bħala wieħed mir-reġjuni l-aktar milqut mill-kummerċ illegali u l-akkumulazzjoni eċċessiva ta' SALW.

(2) L-Istrateġija SALW tal-UE tiddefinixxi diversi kompiti li għandhom jitwettqu mill-Unjoni, inkluża r-riċerka ta' kunsens fi ħdan il-pajjiżi li jesportaw bil-ħsieb li jsir biss forniment ta' armi żgħar lill-gvernijiet biss, b'mod konformi mal-kriterji restrittivi u xierqa reġjonali u internazzjonali dwar l-esportazzjoni tal-armi.

(3) L-Istrateġija SALW tal-UE tirrakkomanda wkoll l-inklużjoni ta' SALW bħala suġġett li jrid jiġi diskuss fid-djalogu politiku ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali, reġjonali jew subreġjonali, filwaqt li tingħata attenzjoni speċjali lill-koordinazzjoni ta' azzjonijiet mas-sħab ewlenin tal-Unjoni u l-esportaturi prinċipali ta' SALW, inkluża ċ-Ċina.

(4) Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea adotta fl-2005, l-2006, l-2007 u l-2010 l-Konklużjonijiet tal-Kunsill b'appoġġ għan-negozjati ta' Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi, strument internazzjonali legalment vinkolanti li jistabbilixxi standards internazzjonali komuni għat-trasferimenti ta' armi konvenzjonali. Huwa enfasizza l-importanza ta' kooperazzjoni ma' Stati u organizzazzjonijiet reġjonali oħrajn f'dan il-proċess.

(5) Minn meta ġie stabbilit fl-2005, id-Djalogu Strateġiku UE-Ċina jinkludi dispożizzjonijiet għal djalogu dwar in-nonproliferazzjoni u l-esportazzjoni ta' armi konvenzjonali. Waqt is-Summit tagħhom tal-2006, iċ-Ċina u l-Unjoni qablu li joħolqu djalogu ġdid dwar il-paċi l-istabbiltà u l-iżvilupp sostenibbli fl-Afrika, sabiex jitrawwem intendiment mas-sħab, biex jiġu diskussi l-attivitajiet u l-prijoritajiet, u biex tingħata l-opportunità biex iċ-Ċina tkun integrata fl-isforzi internazzjonali għat-titjib u l-koordinament tal-attivitajiet ta' kooperazzjoni. Id-Dokument ta' Strateġija UE-Ċina 2007-2013 jiddefinixxi l-approċċ fundamentali tal-Unjoni għaċ-Ċina bħala wieħed ta' impenn u sħubija u jsemmi bħala prijorità l-kooperazzjoni fil-prevenzjoni tal-kummerċ illeċitu ta' SALW.

(6) F'Diċembru 2004, iċ-Ċina u l-Unjoni ffirmaw Dikjarazzjoni Konġunta dwar in-nonproliferazzjoni u d-diżarm, li tkopri wkoll il-kooperazzjoni fil-qasam tal-armi konvenzjonali. Fid-Dikjarazzjoni Konġunta, l-Unjoni u ċ-Ċina nnutaw li "għandu jkun hemm ukoll sforzi pożittivi u attivi biex jissaħħu l-kontrolli fuq esportazzjonijiet ta' armi konvenzjonali. Ir-reġimi tal-kontroll tal-armi dwar ċerti armi konvenzjonali jridu jissaħħu. Għandhom jissaħħu l-isforzi li jimpedixxu l-kummerċ illeċitu ta' armi ħfief u ta' kalibru żgħir u l-flussi ta' dawn l-armi li jfixklu l-paċi u l-istabbiltà reġjonali."

(7) Is-Sħubija Strateġika Konġunta Afrika-UE tal-2007 tiddefinixxi l-prevenzjoni tal-kummerċ illeċitu u l-akkumulazzjoni eċċessiva ta' SALW bħala qasam għal azzjoni permezz tat-titjib tal-bini tal-kapaċità, in-netwerking, il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni. Iċ-Ċina kienet mistiedna u pparteċipat bħala osservatur fis-Summit UE-Afrika tal-2010.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. L-Unjoni għandha tippromwovi l-iżvilupp tal-kooperazzjoni bejn is-soċjetà ċivili, l-industrija, u r-rappreżentanti tal-gvern taċ-Ċina, l-Unjoni, u l-Istati Afrikani, inkluż permezz tad-djalogu bejn is-soċjetajiet ċivili rispettivi u l-industrija, biex jiġu żviluppati approċċi komuni għall-indirizzar tat-theddid mill-kummerċ illeċitu u l-akkumulazzjoni eċċessiva ta' SALW u r-regolamentazzjoni fqira fil-livell internazzjonali tal-kummerċ fl-armi konvenzjonali. L-iżvilupp ta' tali kooperazzjoni għandu wkoll jiġi rifless f'aktar appoġġ għal, u fl-implimentazzjoni ta' Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi li jkun b'saħħtu u robust.

2. L-Unjoni għandha ssegwi l-objettiv imsemmi fil-paragrafu 1, permezz tal-proġetti u l-miżuri li ġejjin:

— l-istabbiliment u l-iżvilupp ta' Grupp ta' Ħidma konġunt ta' Esperti Afrika-UE-Ċina dwar armi konvenzjonali, u Ċentru konġunt ta' Riċerka Afrika-UE-Ċina dwar armi konvenzjonali. L-għan tal-Grupp ta' Ħidma ta' Esperti u ċ-Ċentru ta' Riċerka għandu jkun biex fost il-komunità għat-tfassil tal-politika fiċ-Ċina, l-Afrika, u l-Unjoni responsabbli għal kwistjonijiet dwar l-armi konvenzjonali u l-kontroll tal-esportazzjoni tagħhom, jiżdiedu s-sensibilizzazzjoni u l-impenn dwar problemi relatati mal-kummerċ illegali u l-akkumulazzjoni eċċessiva ta' SALW, u dwar ir-regolamentazzjoni fqira fil-livell internazzjonali tal-kummerċ legali f'armi konvenzjonali. Aktar sensibilizzazzjoni u impenn fir-rigward ta' dawk il-kwistjonijiet għandhom iwasslu għal appoġġ komuni fl-implimentazzjoni ta' Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi.

— jitwettqu attivitajiet ta' avukatura u riċerka bil-għan li jiġu identifikati l-opportunitajiet ta' kooperazzjoni UE-Ċina b'appoġġ għall-Istati Afrikani fil-prevenzjoni tal-kummerċ illegali u l-akkumulazzjoni eċċessiva ta' SALW.

Deskrizzjoni dettaljata tal-proġetti u miżuri msemmija f'dan il-paragrafu hi mniżżla fl-Anness.

*Artikolu 2*

1. Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (minn hawn 'il quddiem ir-"RGħ") għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

2. L-implimentazzjoni teknika tal-proġetti u miżuri msemmija fl-Artikolu 1(2) għandha titwettaq mill-organizzazzjoni mhux governattiva "Saferworld".

3. Saferworld għandha twettaq l-kompiti tagħha taħt ir-responsabbiltà tar-RGħ. Għal dan il-għan, ir-RGħ għandu jidħol fl-arranġamenti meħtieġa ma' Saferworld.

*Artikolu 3*

1. L-ammont ta' referenza finanzjarja għall-implementazzjoni tal-proġetti u miżuri msemmija fl-Artikolu 1(2) għandu jkun ta' EUR 830 000.

2. L-infiq iffinanzjat mill-ammont stabbilit fil-paragrafu 1 għandu jkun amministrat f'konformità mal-proċeduri u r-regoli applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni.

3. Il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-amministrazzjoni tajba tan-nefqa msemmija fil-paragrafu 2. Għal dan il-għan, hi għandha tikkonkludi ftehim finanzjarju ma' Saferworld. Il-ftehim għandu jistipula li Saferworld għandha tiżgura l-viżibbiltà tal-kontribuzzjoni tal-UE, adatta skont id-daqs tagħha.

4. Il-Kummissjoni għandha tagħmel ħilitha biex tikkonkludi l-ftehim ta' finanzjament imsemmi fil-paragrafu 3 malajr kemm jista' jkun wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni. Hi għandha tinforma lill-Kunsill dwar id-diffikultajiet f'dak il-proċess u dwar id-data tal-konklużjoni tal-ftehim ta' finanzjament.

*Artikolu 4*

Ir-RGħ għandu jirrapporta lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni abbażi ta' rapporti regolari kull tliet xhur imħejjija minn Saferworld. Dawk ir-rapporti għandhom jiffurmaw il-bażi għall-evalwazzjoni mwettqa mill-Kunsill. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar l-aspetti finanzjarji tal-implimentazzjoni tal-proġetti u miżuri msemmija fl-Artikolu 1(2).

*Artikolu 5*

1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

2. Din id-Deċiżjoni għandha tiskadi 24 xahar wara d-data tal-konklużjoni tal-ftehim ta' finanzjament imsemmi fl-Artikolu 3(3). Madankollu, hija għandha tiskadi sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ tagħha jekk dak il-ftehim ta' finanzjament ma jkunx ġie konkluż sa dakinhar.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Frar 2012.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

C. ASHTON

*ANNESS*

**PROĠETTI U MIŻURI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 1(2)**

1. **Objettivi**

L-objettivi tad-Deċiżjoni huma: il-ħidma għall-iżvilupp tal-kooperazzjoni bejn is-soċjetà ċivili, l-industrija, u r-rappreżentanti tal-gvern taċ-Ċina, l-Unjoni Ewropea, u l-kontinent Afrikan; l-iżvilupp ta' approċċi komuni għall-indirizzar tat-theddid mill-kummerċ illeċitu u l-akkumulazzjoni eċċessiva ta' SALW; u l-għoti ta' appoġġ lit-Trattat tan-Nazzjonijiet Uniti (UN) dwar il-Kummerċ tal-Armi (ATT) sa u fil-konferenza diplomatika ATT 2012 u lil hinn minnha. Tali objettivi għandhom jintlaħqu permezz tal-istabbiliment u l-iżvilupp ta' Grupp ta' Ħidma konġunt ta' Esperti Afrika-UE-Ċina dwar armi konvenzjonali (minn hawn 'il quddiem "EWG"), u ta' Ċentru konġunt ta' Riċerka Afrika-UE-Ċina dwar armi konvenzjonali (minn hawn 'il quddiem "ĊR"). L-għan tal-EWG u ċ-ĊR għandu jkun li jżidu s-sensibilizzazzjoni u l-impenn tal-komunità għat-tfassil tal-politika fiċ-Ċina, l-Afrika, u l-Unjoni rigward problemi assoċjati mal-kummerċ illegali u l-akkumulazzjoni eċċessiva ta' SALW, u dwar il-ħtieġa ta' qbil dwar Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi.

L-objettiv ta' kooperazzjoni msaħħa bejn iċ-Ċina, l-Unjoni u l-Afrika għandu wkoll jitwettaq permezz ta' attivitajiet ta' avukatura u riċerka bil-għan li jiġu identifikati l-opportunitajiet ta' kooperazzjoni UE-Ċina b'appoġġ għall-Istati Afrikani fil-prevenzjoni tal-kummerċ illegali u l-akkumulazzjoni eċċessiva ta' SALW.

2. **Deskrizzjoni tal-proġetti u l-miżuri**

2.1 *L-istabbiliment u l-iżvilupp ta' Grupp ta' Ħidma konġunt ta' Esperti Afrika-UE-Ċina dwar armi konvenzjonali, u Ċentru konġunt ta' Riċerka Afrika-UE-Ċina dwar armi konvenzjonali.*

2.1.1. Objettivi tal-proġett

— jiġu stabbiliti fora u netwerks għall-esperti tal-komunità għat-tfassil tal-politika fl-Unjoni, iċ-Ċina u l-Afrika biex jiddiskutu l-aspetti differenti tal-kummerċ illeċitu ta' armi konvenzjonali;

— jiżdiedu, fost il-komunità għat-tfassil tal-politika fiċ-Ċina, l-Afrika, u l-Unjoni, is-sensibilizzazzjoni u l-impenn dwar problemi relatati mal-kummerċ illegali u l-akkumulazzjoni eċċessiva ta' SALW, u dwar ir-regolamentazzjoni fqira fil-livell internazzjonali tal-kummerċ legali f'armi konvenzjonali. Aktar sensibilizzazzjoni u impenn fir-rigward ta' dawn il-kwistjonijiet għandhom iwasslu għal appoġġ komuni għal Trattat f'saħħtu u robust dwar il-Kummerċ tal-Armi.

— jissaħħaħ id-djalogu, fil-livell uffiċjali u dak tal-komunità għat-tfassil tal-politika, UE-Ċina-Afrika, sabiex jiżdied l-intendiment reċiproku u jiġu identifikati approċċi komuni rigward il-proċess ATT tan-NU sa u fil-konferenza diplomatika ATT 2012 u lil hinn minnha, inkluż permezz ta' appoġġ għal riċerka konġunta u analiżi mir-riċerkaturi tal-Unjoni, iċ-Ċina u l-Afrika dwar il-pożizzjonijiet nazzjonali u reġjonali rispettivi;

— jiġu żviluppati rakkomandazzjonijiet mill-komunità tar-riċerka dwar ATT u SALW, u biex dawn jiġu effettivament trasmessi lill-uffiċjali tal-gvern, lill-politikanti u lill-komunitajiet għat-tfassil tal-politika Ċiniżi, Afrikani u tal-Unjoni u l-Istati Membri.

2.1.2. Deskrizzjoni tal-proġett

(a) L-istabbiliment u l-iżvilupp ta' Grupp ta' Ħidma konġunt ta' Esperti Afrika-UE-Ċina dwar armi konvenzjonali

Il-EWG ser ikun il-pedament "istituzzjonali" ewlieni tal-proċess ta' djalogu promoss mid-Deċiżjoni tal-Kunsill u ser jiġi ffurmat permezz ta' koordinazzjoni bir-reqqa bejn Saferworld u l-organizzazzjonijiet sħab tas-soċjetà ċivili fl-Afrika u ċ-Ċina. Dan ser ikun magħmul minn disa' membri miċ-Ċina, l-Unjoni u l-Afrika magħżula minn dipartimenti universitarji, think tanks u ċentri ta' riċerka li jiġu identifikati abbażi tal-kompetenza esperta, ir-reputazzjoni u l-interess tagħhom. L-EWG ser iservi ta' mezz għall-kondiviżjoni ta' informazzjoni, ideat, kompetenza esperta u riċerka fost il-membri tiegħu dwar kwistjonijiet ta' kontroll ta' armi konvenzjonali, filwaqt li tiġi identifikata n-natura tat-theddid, ivvalutata l-effettività tal-interventi attwali u jsiru rakkomandazzjonijiet għal azzjonijiet kooperattivi għal dawk li jfasslu l-politika.

Hu mistenni li jservi ta' pjattaforma għall-atturi interessati tas-soċjetà ċivili, barra mill-proċess ta' djalogu dirett, u jipprovdi kondiviżjoni aċċessibbli ta' kompetenza esperta għal dawk li jfasslu l-politika u l-uffiċjali responsabbli għall-armi konvenzjonali u l-kontrolli ta' esportazzjoni tagħhom, fiċ-Ċina, l-Unjoni u l-Afrika. Uffiċjali Afrikani, Ċiniżi u tal-Unjoni ser jiġu mistiedna wkoll josservaw il-ħidma tal-EWG.

(b) L-istabbiliment u l-iżvilupp ta' Ċentru konġunt ta' Riċerka Afrika-UE-Ċina dwar armi konvenzjonali

L-għan taċ-ĊR ser ikun li jappoġġa r-riċerka u l-analiżi konġunta mir-riċerkaturi tal-Unjoni, iċ-Ċina u l-Afrika. Dan ser ikun stabbilit fiċ-Ċina. Iċ-ĊR ser jipprovdi firxa wiesgħa ta' materjal u riżorsi bl-Ingliż u ċ-Ċiniż relatati ma' SALW u l-proċess ATT. L-istess materjal u riżorsi ser ikunu disponibbli elettronikament permezz ta' website li ser tkun ukoll l-interface pubbliku tal-EWG.

L-attivitajiet appoġġati fl-implimentazzjoni tal-kompiti msemmija fil-punti (a) u (b) ser jinkludu:

— l-organizzazzjoni ta' laqgħat preparatorji u ta' segwitu fiċ-Ċina u l-Ewropa, bejn Saferworld, u l-organizzazzjonijiet shab rilevanti Ċiniżi u Afrikani, biex jiddefinixxu l-istruttura u t-tul ta' żmien tal-proġett; jiġu identifikati pjanijiet ta' ħidma dettaljati għall-istabbiliment u l-iżvilupp taċ-ĊR u l-EWG; tiġi stabbilita skwadra għall-koordinazzjoni tal-proġett; jiġu definiti r-responsabbiltajiet fl-iskwadra; u jiġi sorveljat u evalwat il-progress fl-implimentazzjoni tal-attivitajiet;

— il-forniment u t-traduzzjoni tal-materjal ċentrali rilevanti relatat ma' SALW u ATT, li jrid jintuża mill-komunitajiet għat-tfassil tal-politika fiċ-Ċina, l-Afrika, u l-Unjoni, u jkun disponibbli, inkluż elettronikament, permezz ta' sit elettroniku taċ-ĊR. Is-sit elettroniku ser iservi wkoll ta' interface pubbliku għall-EWG;

— l-organizzazzjoni ta' diversi laqgħat bejn Saferworld, l-organizzazzjonijiet shab u l-awtoritajiet rilevanti Ċiniżi sabiex jiġu introdotti l-attivitajiet taċ-Ċentru ta' Riċerka u tal-EWG, u biex jiġu ppreżentati u diskussi r-riżultati ta' nofs it-terminu u dawk finali, bil-ħsieb li jiġi żgurat l-appoġġ għall-attivitajiet mill-awtoritajiet rilevanti;

— l-organizzazzjoni ta' mhux aktar minn żewġ laqgħat ta' jumejn kull sena tal-EWG, fiċ-Ċina, l-Ewropa u l-Afrika, biex jiġu definiti l-pjanijiet għar-riċerka u tingħata gwida għall-implimentazzjoni tal-attivitajiet ta' riċerka u l-avukatura, l-iżvilupp u l-komunikazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet dwar linji ta' politika. Kull laqgħa ser tipproduċi rapport fil-qosor dwar l-istadju ta' implimentazzjoni tal-proġett;

— l-organizzazzjoni ta' żewġ workshops tal-ATT għal massimu ta' 40 parteċipant, inklużi r-rappreżentanti tal-komunitajiet għat-tfassil tal-politika tal-Unjoni, Ċiniżi u Afrikani u l-awtoritajiet responsabbli għall-kontrolli tal-armi konvenzjonali u l-esportazzjoni tagħhom, l-esperti tas-soċjetà ċivili, l-industrija militari u tad-difiża, biex jeżaminaw il-progress fin-negozjati lejn ATT, jidentifikaw l-oqsma ta' interess komuni fost il-pajjiżi differenti.

— il-pubblikazzjoni ta' informazzjoni minn Saferworld u l-EWG li teżamina l-pożizzjonijiet tal-Unjoni u dawk Ċiniżi dwar l-ATT. L-għan ta' dan l-għoti ta' informazzjoni hu li jinforma d-diskussjonijiet mal-uffiċjali tal-Unjoni, Ċiniżi u Afrikani qabel il-konferenza ATT tal-2012. Din ser tesplora d-differenzi fil-pożizzjoni dwar l-ATT bejn l-Unjoni, iċ-Ċina u l-Istati Afrikani.

— il-produzzjoni ta' rapport komprensiv dwar il-lezzjonijiet prinċipali meħuda li jagħti fid-dettall is-suċċessi u l-isfidi tal-proġett, filwaqt li jirrakkomanda mudelli u alternattivi għal djalogu futur UE-Ċina-Afrika dwar SALW u l-proċess ATT.

— l-organizzazzjoni ta' żewġ avvenimenti għat-tnedija uffiċjali u l-għeluq tal-proġett.

2.1.3. Riżultati tal-proġett

— sensibilizzazzjoni, għarfien u intendiment akbar mill-500 attur tal-komunità għat-tfassil tal-politika taċ-Ċina, l-Afrika, u l-Unjoni, inklużi l-uffiċjali inkarigati minn kwistjonijiet dwar armi konvenzjonali u kontrolli ta' esportazzjoni tagħhom, akkademiċi, membri parlamentari, organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) u ġurnalisti, tal-proċess ATT tan-NU u tal-pożizzjonijiet nazzjonali rispettivi, sa u lil hinn mill-konferenza diplomatika ATT tal-2012.

— djalogu, interazzjoni u kooperazzjoni aħjar dwar SALW u l-proċess ATT tan-NU fost is-60 uffiċjal tal-Unjoni, Ċiniżi u dawk Afrikani, u s-soċjetajiet ċivili, inkluż permezz tal-identifikazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet u opportunitajiet għal azzjonijiet kollettivi;

— konnessjonijiet sostenibbli fost il-50 individwu li jirrappreżentaw l-istituzzjonijiet tal-komunità għat-tfassil tal-politika tal-Unjoni, l-Afrika u ċ-Ċina li jipprovdu mezz għal informazzjoni u kondiviżjoni ta' esperjenzi kontinwati, kif ukoll kooperazzjoni prattika dwar SALW u kwistjonijiet oħrajn relatati mal-kontroll ta' armi konvenzjonali wara li dan il-proġett ikun intemm.

2.2 *Promozzjoni tal-kooperazzjoni UE-Ċina b'appoġġ għall-Istati Afrikani fil-prevenzjoni tal-kummerċ illegali u l-akkumulazzjoni eċċessiva ta' SALW*

2.2.1. Objettivi tal-proġett

— appoġġ għall-analiżi u r-riċerka konġunta mir-riċerkaturi tal-Unjoni, iċ-Ċina u l-Afrika dwar il-problemi assoċjati mal-proliferazzjoni ta' SALW fl-Afrika u l-opportunitajiet għal attivitajiet kooperattivi UE-Ċina f'dan il-qasam;

— għajnuna għall-Istati Afrikani biex jidentifikaw il-ħtiġijiet ta' assistenza u jifformulaw talbiet għal assistenza fl-oqsma relatati mal-prevenzjoni tal-kummerċ illeċitu u l-akkumulazzjoni eċċessiva ta' SALW;

— formulazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet, għal dawk li jfasslu l-politika Ċiniżi u tal-Unjoni, dwar opportunitajiet għal assistenza konġunta UE-Ċina lil pajjiżi terzi fl-Afrika.

2.2.2. *Deskrizzjoni tal-proġett*

Permezz tal-proġett ser ikunu jistgħu jiġu identifikati opportunitajiet għall-kooperazzjoni UE-Ċina fl-għoti ta' għajnuna lil pajjiżi terzi Afrikani fl-indirizzar tat-theddid mill-kummerċ illeċitu u l-akkumulazzjoni eċċessiva ta' SALW. Dan ser jikkonsisti f'sensiela ta' attivitajiet li jinkludu:

— l-organizzazzjoni ta' mhux aktar minn tliet żjarat ta' studju fl-Afrika mill-membri tal-EWG biex japprofondixxu l-fehim tagħhom dwar l-impatt tal-kummerċ illeċitu u l-akkumulazzjoni eċċessiva ta' SALW fil-kontinent, jiltaqgħu mal-atturi lokali, u jiddiskutu l-bżonnijiet għal assistenza teknika;

— l-organizzazzjoni fl-Afrika ta' seminar dwar il-politika internazzjonali rigward il-prevenzjoni tal-proliferazzjoni ta' SALW fil-kontinent. Għal-laqgħa ser jattendu sa 30 parteċipant, inklużi l-membri tal-EWG, u rappreżentanti oħrajn tas-soċjetà ċivili u uffiċjali Afrikani, Ċiniżi u tal-UE inkarigati mill-kwistjonijiet dwar armi konvenzjonali, u l-kontroll tagħhom. Barra minn hekk din ser tidentifika oqsma fejn it-talbiet mill-Afrika għal assistenza fil-prevenzjoni tal-kummerċ illeċitu u l-akkumulazzjoni eċċessiva ta' SALW jistgħu jintrabtu mal-assistenza miċ-Ċina u l-Unjoni;

— il-valutazzjoni teknika tal-ħtiġijiet dwar il-kontroll ta' SALW f'pajjiż Afrikan wieħed, inklużi stimi tal-ispejjeż, żoni ta' intervent u rakkomandazzjonijiet dwar l-aġenziji tal-implimentazzjoni. L-istudju ser jiġi żviluppat f'relazzjoni mill-qrib mal-uffiċjali tal-gvern involuti fl-amministrazzjoni tas-sistema ta' kontroll ta' SALW, kif ukoll mar-rappreżentanti tas-settur tad-difiża, fil-pajjiż Afrikan rilevanti;

— il-pubblikazzjoni mill-EWG ta' rapport fid-dettall li jiffoka fuq iċ-ċirkolazzjoni ta' SALW fl-Afrika, filwaqt li jivvaluta l-effettività tal-interventi attwali u jagħmel rakkomandazzjonijiet ċari lil dawk li jfasslu l-politika dwar azzjonijiet UE-Ċina-Afrika bbażati fuq il-valutazzjoni teknika, iż-żjarat ta' studju u s-seminar fl-Afrika. Ir-rapport ser jiġi tradott u ser jitqassam lil madwar 500 attur tas-soċjetà ċivili, lil dawk li jfasslu l-politika u lil politikanti fiċ-Ċina, l-UE u l-Afrika sabiex tiżdied is-sensibilizzazzjoni ġenerali tal-opportunità għall-kooperazzjoni UE-Ċina-Afrika dwar il-kontroll ta' SALW fl-Afrika. Dan ser jiġi ppreżentat ukoll waqt laqgħat ma' uffiċjali kif previst taħt il-proġett imsemmi fil-punt 2.1.;

— l-appoġġ lil pajjiż Afrikan biex jiddefinixxi u jikkomunika l-bżonnijiet tiegħu u t-talbiet uffiċjali għal assistenza dwar il-kontroll ta' SALW;

— l-organizzazzjoni ta' laqgħat ma' uffiċjali rilevanti tal-Unjoni u taċ-Ċina biex jippromwovu l-iżvilupp ta' kunċett ta' proġett konġunt;

— l-organizzazzjoni fiċ-Ċina ta' seminar dwar linji ta' politika UE-Ċina-Afrika biex jiġu ppreżentati r-riżultati u r-rakkomandazzjonijiet tal-EWG. Għal-laqgħa ser jattendu sa 50 parteċipant, inklużi rappreżentanti tas-soċjetà ċivili u uffiċjali Afrikani, Ċiniżi u tal-Unjoni responsabbli mill-kwistjonijiet dwar armi konvenzjonali, u l-kontroll tal-esportazzjoni tagħhom. Din ser tipprovdi l-opportunità għal rieżami tal-ħidma mill-EWG dwar SALW u għal dibattitu tar-rakkomandazzjonijiet tiegħu, u tipprovdi qafas għal azzjonijiet kollaborattivi prattiċi, bħall-għajnuna mill-Unjoni u ċ-Ċina fl-oqsma tal-ġestjoni tal-ħażniet, id-distruzzjoni tal-ħażniet żejda u ż-żamma ta' rekords.

2.2.3. *Riżultati tal-proġett*

— sensibilizzazzjoni akbar minn madwar 500 attur tal-komunità għat-tfassil tal-politika, Ċiniżi u tal-Unjoni, inklużi akkademiċi, membri parlamentari, NGOs u ġurnalisti, tal-problemi assoċjati mal-proliferazzjoni ta' SALW fl-Afrika u l-opportunitajiet għal attivitajiet kooperattivi UE-Ċina f'dan il-qasam;

— kapaċità akbar ta' Stat Afrikan li jidentifika l-ħtieġa ta' assistenza u jifformula talbiet għal assistenza fil-prevenzjoni tal-kummerċ illeċitu u l-akkumulazzjoni eċċessiva ta' SALW;

— identifikazzjoni ta' opportunitajiet għal assistenza konġunta UE-Ċina lil pajjiżi terzi fl-Afrika fil-qasam tal-kontroll ta' SALW.

3. **Postijiet għal seminars/workshops u avvenimenti ta' għeluq u ta' ftuħ**

Dment li ma jkunx speċifikat mod ieħor fit-test ta' dan l-Anness, Saferworld ser tipproponi postijiet potenzjali għal seminars/workshops, u avvenimenti ta' għeluq u ta' ftuħ taħt il-proġetti msemmija fil-punti 2.1 u 2.2, li mbagħad jiġu approvati mir-RGħ, f'konsultazzjoni mal-korpi kompetenti tal-Kunsill.

4. **Benefiċjarji**

Huwa stmat li l-benefiċjarji diretti tal-proġetti ser ikunu 500 attur tal-komunità għat-tfassil tal-politika, fiċ-Ċina, l-Afrika, u l-Unjoni, inklużi NGOs, think tanks, rappreżentanti tal-industrija, uffiċjali tal-gvern inkarigati mill-kontroll tal-esportazzjoni ta' armi konvenzjonali, u l-membri parlamentari.

Il-benefiċjarji indiretti ser ikunu l-popolazzjoni, il-gruppi u l-individwi fl-Afrika li huma milquta ħażin mill-kummerċ illegali ta' SALW.

5. **Valutazzjoni tal-impatt**

L-impatt ta' din id-Deċiżjoni għandu jiġi vvalutat b'mod tekniku wara li jintemmu l-aħħar attivitajiet previsti fiha. Il-valutazzjoni tal-impatt ser jitwettaq mir-RGħ, f'kooperazzjoni mal-Gruppi ta' Ħidma rilevanti tal-Kunsill, id-Delegazzjoni tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċina, u partijiet interessati rilevanti oħrajn.

6. **Tul ta' żmien**

It-tul ta' żmien totali tal-proġetti hu stmat li jkun ta' 24 xahar.

7. **Entità ta' implementazzjoni teknika**

L-implimentazzjoni teknika tad-Deċiżjoni ser tiġi fdata lil Saferworld li ser twettaq ħidmitha taħt ir-responsabbiltà tar-RGħ.

8. **Rappurtar**

Saferworld ser tħejji rapporti regolari ta' kull tliet xhur, inkluż wara li tkun tlestiet kull waħda mill-attivitajiet deskritti. Ir-rapporti għandhom ikunu ppreżentati lir-RGħ mhux aktar tard minn sitt ġimgħat wara li jitlestew l-attivitajiet rilevanti.

9. **Spiża totali stmata tal-proġetti u l-miżuri u l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-UE**

L-ispiża totali tal-proġetti u l-miżuri hija ta' EUR 830 000.

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2012/122/PESK

## tas-27 ta' Frar 2012

## li temenda d-Deċiżjoni 2011/782/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Billi:

(1) Fl-1 ta' Diċembru 2011, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2011/782/PESK ([1]).

(2) Fit-23 ta' Jannar 2012, il-Kunsill tenna t-tħassib serju tiegħu dwar is-sitwazzjoni li qed tiddeterjora fis-Sirja u b'mod partikolari l-ksur mifrux u sistematiku tad-drittijiet tal-bniedem. F'konformità mad-dikjarazzjoni tal-Kunsill Ewropew tat-23 ta' Ottubru 2011, il-Kunsill ikkonferma wkoll li l-Unjoni ser tkompli l-politika tagħha li timponi miżuri addizzjonali kontra r-reġim sakemm tkompli r-ripressjoni.

(3) F'dan il-kuntest, għandhom jiġu imposti miżuri restrittivi kontra l-Bank Ċentrali tas-Sirja.

(4) Barra minn hekk, għandhom ikunu pprojbiti l-bejgħ, ix-xiri, it-trasport u s-senserija ta' deheb, metalli prezzjużi u djamanti, lil, minn jew għall-Gvern tas-Sirja.

(5) Minbarra dan, aċċess għall-ajruporti tal-Istati Membri għal-tijiriet ta' merkanzija operati minn trasportaturi Sirjani għandhom jiġu projbiti.

(6) Addizzjonalment, għandhom jiġu inklużi persuni addizzjonali fil-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi kif tinsab fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2011/782/PESK.

(7) Madanakollu, mhemmx aktar lok biex tinżamm persuna waħda fuq il-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi kif stabbiliti fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2011/782/PESK.

(8) Id-Deċiżjoni 2011/782/PESK għandha tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni 2011/782/PESK hija emendata kif ġej:

(1) jiddaħħal l-artikolu li ġej:

"*Artikolu 8a*

Huma pprojbiti l-bejgħ, xiri, trasport jew senserija diretti jew indiretti ta' deheb jew metalli prezzjużi, kif ukoll djamanti, lil, minn jew għall-Gvern tas-Sirja, il-korpi, korporazzjonijiet u aġenziji pubbliċi tiegħu, il-Bank Ċentrali tas-Sirja, kif ukoll lil, minn jew għal persuni u entitajiet li jaġixxu f'isimhom jew b'ordni mingħandhom, jew entitajiet li jappartjenu lilhom jew huma kkontrollati minnhom.

L-Unjoni għandha tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tiddetermina l-elementi rilevanti li għandhom ikunu koperti b'din id-dispożizzjoni.";

(2) għandu jiddaħħal il-kapitolu li ġej:

"KAPITOLU 2a

**SETTUR TAT-TRASPORT**

*Artikolu 17a*

Istati Membri, skont il-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom u b'mod konsistenti mal-liġi internazzjonali, partikolarment ma ftehim internazzjonali relevanti dwar l-avjazzjoni ċivili, għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jipprevjenu l-aċċess għall-ajruporti taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom tat-titjiriet kollha tal-merkanzija operati minn trasportaturi Sirjani bl-eċċezzjoni ta' passiġġieri mħalta u titjiriet ta' merkanzija.";

(3) fl-Artikolu 19, jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

"8. Il-paragrafi 1 u 2 m'għandhomx japplikaw għal trasferiment minn jew permezz tal-Bank Ċentrali tas-Sirja ta' fondi jew riżorsi ekonomiċi riċevuti u ffriżati wara d-data li jkun ġie inkluż fil-lista jew għal trasferiment ta' fondi jew riżorsi ekonomiċi għal jew permezz tal-Bank Ċentrali tas-Sirja wara d-data li jkun ġie inkluż fil-lista fejn tali trasferiment ikun marbut ma' ħlas minn istituzzjoni finanzjarja mhux inkluża fil-lista li jkun dovut b'konnessjoni ma' kuntratt ta' kummerċ speċifiku, sakemm l-Istat Membru rilevanti jkun iddetermina, każ b'każ, li l-ħlas mhuwiex direttament jew indirettament riċevut minn persuna jew entità msemmija fil-paragrafu 1.

9. Il-paragrafu 1 m'għandux japplika għal trasferiment li jsir minn jew permezz tal-Bank Ċentrali tas-Sirja ta' fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati fejn tali trasferiment ikun biex jipprovdi likwidità għall-finanzjament tal-kummerċ lill-istituzzjonijiet finanzjarji taħt il-ġurisdizzjoni tal-Istati Membri, sakemm it-trasferiment ikun ġie awtorizzat mill-Istat Membru rilevanti.".

([1]) ĠU L 319, 2.12.2011, p. 56.

*Artikolu 2*

Il-persuni u entità elenkati fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni għandhom jiżdiedu mal-lista li tinsab fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2011/782/PESK.

*Artikolu 3*

Il-persuna elenkata fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni għandha tiġi imħassra mil-lista li tinsab fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2011/782/PESK.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Frar 2012.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

C. ASHTON

*ANNESS I*

**Persuni u entitajiet imsemmija fl-Artikolu 2**

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 1. | Central Bank of Syria (Bank Ċentrali tas-Sirja) | Sirja, Damasku, Pjazza Sabah Bahrat Indirizz postali: Pjazza Altjreda al Maghrebeh, Damasku, Repubblika Għarbija Sirjana, P.O.Box: 2254 | Ipprovda għajnuna finanzjarja lir-regim. | 27.2.2012 |
| 2. | Al –Halqi, Dr. Wael Nader | Imwieled fil-Provinċja ta' Daraa, fl-1964 | Ministru tas-Saħħa. Meta kienu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, l-isptarijiet ġew ordnati biex jirrifjutaw il-kura lil min kien jipprotesta. | 27.2.2012 |
| 3. | Azzam, Mansour Fadlallah | Imwieled fil-Provinċja ta' Sweida, fl-1960 | Ministru tal-Affarijiet Presidenzjali Konsulent tal-President. | 27.2.2012 |
| 4. | Sabouni, Dr. Emad Abdul-Ghani | Imwieled f'Damasku, fl-1964 | Ministru tal-Komunikazzjoni u t-Teknoloġija. Taħt ir-responsabbiltà tiegħu, l-aċċess liberu għall-mezzi tax-xandir qed jixxekkel serjament. | 27.2.2012 |
| 5. | Allaw, Sufian | Imwieled f'al-Bukamal, Deir Ezzor, fl-1944 | Ministru taż-Żejt u r-Riżorsi Minerali. Responsabbli għall-politiki dwar iż-żejt u r-riżorsi minerali li jipprovdu sors ta' appoġġ finanzjarju lir-reġim. | 27.2.2012 |
| 6. | Slakho, Dr Adnan | Imwieled f'Damasku, fl-1955 | Ministru tal-Industrija Responsabbli għall-politiki ekonomiċi u industrijali li jipprovdu riżorsi u appoġġ lir-reġim. | 27.2.2012 |
| 7. | Al-Rashed, Dr. Saleh | Imwieled fil-Provinċja ta' Aleppo, fl-1964 | Ministru tal-Edukazzjoni. Taħt ir-responsabbiltà tiegħu, l-iskejjel qed jintużaw bħala ħabsijiet proviżorji | 27.2.2012 |
| 8. | Abbas, Dr. Fayssal | Imwieled fil-Provinċja ta' Hama, fl-1955 | Ministru tat-Trasport. Taħt ir-responsabbiltà tiegħu, qed jiġi pprovdut appoġġ loġistiku għar-repressjoni. | 27.2.2012 |

*ANNESS II*

**Persuna msemmija fl-Artikolu 3**

52. Emad Ghraiwati

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2012/123/PESK

## tas-27 ta' Frar 2012

## li temenda d-Deċiżjoni 2011/523/UE li parzjalment tissospendi l-applikazzjoni tal-Ftehim ta' Koperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Għarbija Sirjana

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207 flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fit-18 ta' Jannar 1977, il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Għarbija Sirjana kkonkludew Ftehim ta' Kooperazzjoni [1] ("il-Ftehim ta' Kooperazzjoni") biex jippromwovu l-kooperazzjoni ġenerali bil-ħsieb li jsaħħu r-relazzjonijiet ta' bejniethom.

(2) Fit-2 ta' Settembru 2011, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2011/523/UE [2] li parzjalment tissospendi l-applikazzjoni tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni sa meta l-awtoritajiet Sirjani jtemmu l-ksur sistematiku tad-drittijiet tal-bniedem u jkunu jistgħu mill-ġdid jitqiesu bħala konformi mal-liġi internazzjonali ġenerali u mal-prinċipji li jiffurmaw il-bażi tal-Ftehim ta' Koperazzjoni.

(3) Minn dak iż-żmien, u fid-dawl ta' aktar deterjorazzjoni tas-sitwazzjoni fis-Sirja, l-Unjoni adottat miżuri restrittivi ulterjuri kontra r-reġim tas-Sirja [3].

(4) F'dan ir-rigward, is-sospensjoni parzjali tal-applikazzjoni tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni għandha tkompli sejra. F'konformità mad-Deċiżjoni 2011/523/UE, is-sospensjoni għandha jkollha l-għan li tolqot lill-awtoritajiet Sirjani biss u mhux lill-poplu tas-Sirja, u għalhekk għandha tkun limitata kif meħtieġ. Ladarba d-deheb, il-metalli prezzjużi u d-djamanti huma prodotti li l-kummerċ fihom jibbenefika b'mod partikolari r-reġim tas-Sirja, u li għalhekk isostni l-politika tagħha ta' ripressjoni, is-sospensjoni għandha tiġi estiża biex tapplika wkoll għall-kummerċ f'dawn il-materjali,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-miżuri elenkati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni għandhom jiżdiedu mal-Anness tad-Deċiżjoni 2011/523/UE.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi nnotifikata lir-Repubblika Għarbija tas-Sirja.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussel, is-27 ta' Frar 2012.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

C. ASHTON

---

[1] ĠU L 269, 27.9.1978, p. 2.

[2] ĠU L 228, 3.9.2011, p. 19.

[3] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 36/2012 tat-18 ta' Jannar 2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja (ĠU L 16, 19.1.2012, p. 1), ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 55/2012 tat-23 ta' Jannar 2012 li jimplimenta l-Artikolu 33(1) tar-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja (ĠU L 19, 24.1.2012, p. 6), id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2012/37/PESK tat-23 ta' Jannar 2012 li timplimenta d-Deċiżjoni 2011/782/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja (ĠU L 19, 24.1.2012, p. 33).

*ANNESS*

**Lista ta' entitajiet imsemmija fl-Artikolu 1**

"(6) Il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, diretti jew indiretti, ta' deheb, metalli prezzjużi u djamanti, kif elenkati hawn taħt, kemm jekk joriġinaw fl-Unjoni kif ukoll jekk le, lill-Gvern tas-Sirja, lill-korpi pubbliċi, korporazzjonijiet u aġenziji tiegħu, lill-Bank Ċentrali tas-Sirja, lil kwalunkwe persuna, entità jew korp li jaġixxu f'isimhom jew b'ordni minnhom, jew lil kwalunkwe entità jew korp li huma proprjetà tagħhom jew ikkontrollati minnhom;

(7) Ix-xiri, l-importazzjoni jew it-trasport, direttament jew indirettament, ta' deheb, metalli prezzjużi u djamanti, kif elenkati hawn taħt, kemm jekk l-oġġett ikkonċernat joriġina fis-Sirja kif ukoll jekk le, mill-Gvern tas-Sirja, mill-korpi pubbliċi, korporazzjonijiet u aġenziji tiegħu, mill-Bank Ċentrali tas-Sirja u minn kwalunkwe persuna, entità jew korp li jaġixxu f'isimhom jew b'ordni minnhom, jew minn kwalunkwe entità jew korp li huma proprjetà tagħhom jew ikkontrollati minnhom; u

(8) Il-provvista, diretta jew indiretta, ta' assistenza teknika jew ta' servizzi ta' senserija, finanzjament jew assistenza finanzjarja, relatati mal-merċi msemmija fil-punti (6) u (7), lill-Gvern tas-Sirja, lill-korpi pubbliċi, korporazzjonijiet u aġenziji tiegħu, lill-Bank Ċentrali tas-Sirja u lil kwalunkwe persuna, entità jew korp li jaġixxu f'isimhom jew b'ordni minnhom, jew lil kwalunkwe entità jew korp li huma proprjetà tagħhom jew ikkontrollati minnhom;

Id-deheb, il-metalli prezzjużi u d-djamanti msemmija f'dan l-Anness huma:

| **Kodiċi tas-SA** | **Isem tal-merkanzija** |
|---|---|
| 7102 | Djamanti, maħdumin jew le, iżda mhux immuntati jew ingastati. |
| 7106 | Fidda (inkluża fidda miksija bid-deheb jew platinu), mhux maħduma jew f'għamliet semimanifatturati, jew f'għamla ta' trab. |
| 7108 | Deheb (inkluż deheb miksi bi platinu), mhux maħdum jew f'għamla semimanifatturata, jew f'għamla ta' trab. |
| 7109 | Metalli komuni jew fidda, miksijin bid-deheb, mhux maħdumin aktar ħlief semi-manifatturati. |
| 7110 | Platinu, f'għamliet mhux maħdumin jew semimanifatturati, jew f'għamla ta' trab. |
| 7111 | Metalli komuni, fidda jew deheb, miksijin bil-platinu, mhux maħdumin aktar ħlief semimanifatturati. |
| 7112 | Skart u fdal ta' metall prezzjuż jew ta' metall miksi b'metall prezzjuż; skart u fdal ieħor li fihom metall prezzjuż jew komposti ta' metall prezzjuż, ta' tip użat l-aktar għall-irkupru ta' metall prezz-jużż.". |

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL 2012/124/PESK

## tas-27 ta' Frar 2012

## li timplimenta d-Deċiżjoni 2011/101/PESK dwar miżuri restrittivi kontra ż-Żimbabwe

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/101/PESK ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tagħha,

Billi:

(1) Fil-15 ta' Frar 2011, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2011/101/PESK.

(2) L-informazzjoni marbuta ma' persuna waħda fuq il-lista fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2011/101/PESK għandha tiġi aġġornata,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness I tad-Deċiżjoni 2011/101/PESK għandu jiġi emendat kif jidher fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Frar 2012.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

C. ASHTON

---

([1]) ĠU L 42, 16.2.2011, p. 6.

*ANNESS*

L-entrata għal Cephas George Msipa għandha tiġi sostitwita bl-entrata li tidher hawn taħt:

| | Isem (u psewdonomi) | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet għall-indikazzjoni |
|---|---|---|---|
| "60. | Msipa, Cephas George | Ex-Gvernatur Provinċjali: Midlands, imwieled fis-7.7.1931.<br>Passaport ZD001500<br>I.D. 63-358147A67 | Ex-Gvernatur Provinċjali assoċjat mal-fazzjoni ZANU-PF tal-Gvern." |

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2012 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 1 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 1 310 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 840 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 100 fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa | multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C — Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | EUR 50 fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli fi 22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S — Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT